Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri, Għawdex)

Imħallef Anthony Ellul

Il-Ġimgħa, 8 ta' Lulju 2016

Appell Civili numru:- 40/2004

**Joseph Attard** **(appellant)**

**Vs**

**Frank Micallef f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' FM Poultry Limited** **(appellati);**

**u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2005 ġiet kjamata fil-kawża Koperattiva tat-Tjur (Malta); u b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2009 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta' koperattiva, 'Poultry Cooperative Limited', bil-persuni ndikati huma Saviour Grima, Gaetano Pace u Alfred Gafa; u b'digriet tat-3 ta' Mejju 2011 l-isem tal-Koperattiva kjamata fil-kawża għandu jaqra 'Koperattiva tat-Tjur Limited'; u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2012 ġie nominat l-Avukat Dr. Jean Paul Grech bħala stralcjarju ta' din il-koperattiva** **(appellat).**

## Il-Qorti,

Rat l-Avviż tal-15 ta' Diċembru 2004 li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenut Frank Micallef *pro et nomine* jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' tlett elef, erba' mija u ħdax il-lira maltija (Lm3,411) – illum ekwivalenti għal sebat elef disa' mija ħamsa u erbgħin Ewro (€7945), bilanċ ta' prezz ta' flieles (*broilers)* ikkunsinjati lilhom jew min minnhom, u minnhom jew min minnhom maqtula u mibjugħa. Bl-imgħax legali ta' tmienja fil-mija mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Frank Micallef u FM Poultry Limited preżentata fit-22 ta' Marzu 2005[1] u li permezz tagħha ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet: (i) huma m' għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur; (ii) huma ma għandhom jagħtu xejn lill-attur; (iii) jekk hemm xi flus dovuti dawn huma dovuti mill-Koperattiva tat-Tjur (Malta).

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ta' Dottor Jean Paul Grech bħala stralcjarju tal-Koperattiva tat-Tjur Limited preżentata fit-12 ta' Frar 2013[2] u li permezz tagħha eċċepixxa: (i) huwa m'huwiex edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għaldaqstant mhux fil-posizzjoni li jissolleva l-eċċezzjonijiet kollha applikabbli skont il-liġi; (ii) huwa qiegħed jirriserva li jippreżenta risposta ulterjuri jekk u meta huwa jkun fil-pussess ta' l-informazzjoni kollha mertu tal-każ; (iii) għal

[1] Fol 9.

[2] Fol. 93.

kull buon fini huwa kkontesta t-talbiet tal-attur ghall-hlas tal-ammont ta' tlett elef erba' mija u hdax-il Lira Maltin (Lm3,411) ekwivalenti ghal sebat elef disa' mija u hamsa u erbghin ewro u disgha u erbghin ewro ċenteżmi (€7,945.49); (iv) salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri tas-16 ta' Frar 2016 li kkonkludiet li:

*"Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tillibera lill-konvenut Frank Micallef proprio et nomine mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-istralcjarju tal-Koperattiva tat-Tjur Limited, u ghalhekk tikkundanna lill-Avukat Dottor Jean Paul Grech nomine sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' tliet elef erba' mija u hdax il-lira maltija (Lm3411), illum ekwivalenti ghal sebat elef disa' mija hamsa u erbghin euro (€7945), bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess Dottor Jean Paul Grech nomine."*

Dan wara li ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

i. Jidher li bil-pretensjonijiet tieghu l-attur qed jippretendi li kienet saret xi tip ta' novazzjoni, bil-konvenut jassumi l-hlas tad-dejn originarjament dovut mill-koperattiva;
ii. Fil-każ in eżami billi l-konvenut Frank Micallef ghadda f'okkazjoni wahda lill-attur is-somma ta' elf lira maltija li kienu dovuti minn terzi lill-koperattiva, ma jfissirx b'daqshekk li huwa assuma l-obbligu ghall-bilanc kollu li kien dovut mill-koperattiva lill-attur. Infatti huwa jichad kategorikament li kien ghamel xi ftehim f'dan is-sens mal-attur;
iii. L-attur stess kien ekwivoku f'dan ir-rigward, ghax fl-istess nifs li jsostni din it-tezi, ippreżenta sett ta' kopji ta' dokumenti, li jindikaw il-piżijiet varji tat-tjur li huwa kien ha ghall-qatla ghand il-konvenut, liema piżijiet tnizzlu fuq il-*letterheads* tal-kumpanija FM Poultry Ltd u jippretendi li dan kien ghalhekk ifissser li t-tjur kienu nxtraw minn din il-kumpanija, meta fix-xhieda tieghu jammetti li l-bejgh kien sar lill-koperattiva;
iv. F'tali cirkostanzi żgur li ma jistax jinghad li l-*animus novandi* u n-novazzjoni jirriżultaw b'mod ċar kif trid il-ligi u kif sostnut fil-gurisprudenza;
v. Min-naha l-ohra l-ex president ta' din il-koperattiva, Saviour Grima, ma cahadx li l-attur kien wiehed mill-bdiewa li kienu ftehmu maghhom li t-tjur li jbieghulhom jehduhom ghall-qatla ghand Frank Micallef. Jammetti wkoll li hafna minn dawn il-bdiewa baqghu ma thallsux;
vi. L-ammont mitlub fl-Avviż lanqas ma gie kontestat minnu, u ghalhekk jirrizulta li ghadu dovut mill-istess koperattiva. Billi irriżulta li din il-koperattiva m'ghadhiex topera u qeghdha fil-fażi li tigi stralcjata, infatti fil-mori tas-smiegh ta' din il-kawza gie nominat bhala stralcjarju l-Avukat Dottor Jean Paul Grech, l-ammont bilanċjali li ghadu dovut irid jithallas mill-istess stralcjarju nomine.

L-attur appella mis-sentenza, u talab:

*"6. Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt illi taghmel riferenza ghall-provi kollha gia prodotti u jirriżerva li jressaq kull prova ohra skont il-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha:*

a. *Tirriforma s-sentenza appellata msemmija billi filwaqt li tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn laqghet it-talba tal-attur ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef erba' mija u hdax-il lira maltin (Lm3,411) ekwivalenti ghal sebat elef disa' mija hamsa u erbghin ewro (€7,945) bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-*

*sena mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-konvenut Frank Micallef proprio et nomine responsabbli ghall-hlas ta' din is-somma u tikkundanna lill-appellat Micallef proprio et nomine jhallas l-ammont hekk kif fuq premess."*

Il-konvenut u s-socjeta' konvenuta wiegbu li mill-provi, l-ewwel qorti kellha ragun li tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju. Zied li ma kienx hemm bazi sabiex din il-qorti tiddeciedi mod iehor. Ir-rwol tal-konvenut kien biss ta' biccier. Il-konvenut qatt ma weghdet lill-attur li kien ser ihallsu. Id-dokumenti bil-pizijiet tat-tigieg kien biss record li kien jinghata lir-rahhal. Id-debitu kien tal-Koperattiva u mhux tal-konvenut. Ghal dak li jirrigwarda l-hlas li sar minn Sajku Poultry Products u li l-konvenut ta lill-attur, ic-cekkijiet inghataw lilu sabiex imbaghad jghaddihom lill-Koperattiva. Frank Micallef flok zamm il-flus ghalih minkejja li kien kreditur ta' ammonti sostanzjali minghand il-Koperattiva u sal-lum baqa' ma thallasx, ta l-flus lill-attur ghan-nom tal-Koperattiva. B'dan il-gest il-konvenut m'assumiex id-dejn tal-Koperattiva u wisq inqas saret novazzjoni.

Ir-rapprezentant tal-Koperattiva wiegeb li joqghod ghad-decizjoni tal-qorti.

Il-Qorti rat l-atti.

**<u>L-Aggravju tal-appellant.</u>**

L-aggravju tal-appellant huwa essenzjalment wiehed marbut mal-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Fil-fehma tieghu l-ewwel Qorti ma tatx il-piz misthoqq lill-prova li (i) huwa kien biegh u kkunsinja l-flieles lill-appellat Micallef wara li dan ta' l-ahhar kien assikurah li huwa kien il-persuna reponsabbli mill-qatla u mill-hlas tat-tigieg; (ii) l-*invoice book* li uza l-konvenut kien tieghu personali u mhux tal-koperattiva; (iii) l-appellant ma kellu ebda relazzjoni guridika mal-Koperattiva kjamata in kawza; (iv) il-hlas ta' elf lira Maltin thallas mill-konvenut appellat Micallef akkont tal-prezz u ghalhekk assuma r-responsabbilta' ghall-hlas tal-bilanc kollu; (v) ghalkemm originarjament parti mid-destinazzjoni finali tat-tjur tal-appellant kienet il-Koperattiva, meta effettivament saret il-qatla, din kienet inxtrat mill-konvenut jew il-Kumpanija tieghu; (vi) anke jekk ghall-grazzja tal-argument, l-appellat Micallef kien qieghed jigi nkarigat mill-Koperattiva sabiex jissuplixxihom bit-tajr maqtul wara li huwa jixtri t-tjur minghand l-appellant u ohrajn, huwa l-appellat Micallef li ghandu jhallas lill-appellat u *se mai* ifittex lill-Koperattiva jekk hija ma thallsux.

Fl-ewwel lok u kif inghad ripetutament mill-Qrati,

*"….jigi ribadit illi: 'Il-Qorti tal-Appell, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-ragunament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi.[3]"*

Fir-rigward tal-meritu, il-qorti tosserva:

i. L-attur, li kien irabbi t-tigieg, jghid li dahal fi ftehim mal-Koperattiva tat-Tjur sabiex jghaddilha t-tjur mertu tal-kawza ghall-bejgh. Ma rrizultax li kien hemm ftehim bil-miktub. Qal

[3] App Civ Nru 450/14 – **Mattia Preti Limited vs Charmaine Azzopardi deciz fis-27 ta' Mejju 2016** Para.21.

ukoll li meta t-tjur waslu biex jinqatlu, gie nfurmat mill-Koperattiva li t-tigieg tal-bdiewa Ghawdxin kellhom jinqatlu Ghawdex u baghtuh ghand il-konvenut[4];

ii. Frank Micallef jghid li huwa wkoll kellu ftehim ma' din il-Koperattiva li permezz tieghu l-bdiewa kienu jrabbu t-tigieg ghall-koperattiva, jehduhom ghand il-kumpanija tieghu ghall-qatla u mbaghad il-Koperattiva tiehu t-tjur mejtin minghandu. Micallef jghid li huwa qatt ma rcieva minghand il-Koperattiva flus kontanti ghas-servizzi tieghu, izda kien jithallas parti mill-valur tal-hlas mit-tigieg li jkunu kkonsenjaw il-bdiewa biex jinqatlu[5];

iii. Dawn l-arrangamenti gew ukoll konfermati mill-ex president tal-Koperattiva tat-Tjur Saviour Grima li qal li fiz-zmien li kienet ghadha tiffunzjoni l-koperattiva, huma kienu ghamlu ftehim mal-konvenut appellat Frank Micallef, bhala biccier tat-tigieg, biex il-bdiewa tal-koperattiva jaghtuh it-tigieg u joqtolhom u jithallas parti minnhom mit-tigieg stess ghax flus ma kellhomx. Micallef kien imbaghad jghaddi l-bqija tat-tigieg lill-Koperattiva, li min-naha taghha kienet tbieghhom u l-flus li tigbor taghtih lill-bdiewa[6];

Il-ftehim bejn il-Koperattiva u Frank Micallef u/jew il-kumpanija tieghu FM Poultry Limited huwa naturalment *res inter alios acta* ghall-attur. Min-naha taghha l-Koperattiva kienet thallas direttament lill-bdiewa. F'dan ir-rigward Saviour Grima qal:

*"Dr. Kevin Mompalao:…..kien hemm forsi xi kazijiet fejn ghaddejtu l-flus lil Frank Micallef, biex jaghtihomlom hu lill-bdiewa?*

*Xhud: qatt ma tajnih flus lil Frank Micallef….ghax* ***il-flus konna naghtuhom lil bdiewa <u>ahna</u>, biex ahna nahdmu bhala koperattiva***[7]*."*

Mill-atti tal-kaz fl-ismijiet **Joe Attard vs Frank Micallef pro et noe (Cit Nru 128/04)** li l-provi li ngabru jghoddu wkoll ghall-kaz in ezami[8], jirrizulta li l-konvenut Micallef kien jopera negozju privat ta' biccerija tat-tigieg kemm ghall-kumpanija tieghu FM Poultry kif ukoll ghall-persuni/kumpanija ohra privati. Meta kien ikun qieghed joqtol ghal haddiehor Micallef ma kienx jiffirma l-*invoice/delivery note* ecc izda kien jindika biss *"l-isem jew il-laqam"* ta' min kienu se jkunu. Meta l-qatla kienet se tkun ghalih stess, Micallef kien jiffirma hu fuq id-dokumenti[9].

Wara li rat l-atti, il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li fir-rigward tal-konsenja ta' tjur mertu ta' dan il-kaz il-konvenuti kienu qeghdin jagixxu ghan-nom tal-Koperattiva tat-Tjur. Originarjament l-intenzjoni tal-attur kienet li huwa jiehu dawn it-tjur ghand Micallef bil-ghan li jinqatlu u jinghataw lill-Koperattiva biex jinbieghu, dan inbidel. L-attur xehed li wara li kienu ftehmu mal-Koperattiva li se jghaddulha t-tjur, din baghtithom:

---

[4] Xhieda waqt is-seduta tas-7 t'Ottubru 2005 a fol. 12.

[5] Xhieda waqt is-seduta tad-29 t'April 2014 a fol. 104.

[6] Xhieda waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2011 a fol. 72.

[7] Ibid a fol. 72.

[8] Verbal 12 ta' Novembru 2013 a fol. 99.

[9] Xhieda ta' Joe Attard waqt is-seduta tas-7 t'Ottubru 2005.

*"Xhud:…..ghand Frank Micallef ta' Bendu, u x'hin kellimna lil Frank, qalilna "it-tigieg noqtolhom jiena, u nhallaskom jiena".*

*It-tigieg tajnihomlu, tana parti mill-flus dovuti lilna, u l-bqija ma tana xejn.*

*Dr Joseph Grech: Jigifieri, meta intom tajtu t-tigieg lil Frankie,……….Frankie qatilhom ghan-nom tal-Koperattiva, jew ghan-nom tieghu?*

*Xhud: Ghan-nom tieghu. Kif jixhdu l-ircevuti u l-pizati u l-firem li ghandna hawn hekk kollox iffirmat."*

Il-Qorti tqis li l-provi mressqa jaghtu kredibilita' lil din il-verzjoni tal-attur. Id-dokumenti li fuqhom hemm indikati l-pizijiet tat-tjur mghoddija lill-konvenut u l-kumpanija tieghu[10] huma kollha tal-kumpanija FM Poultry Ltd u ffirmati minn Frank Micallef. Ma hemm ebda ndikazzjoni f'dawn id-dokumenti li Micallef ircieva t-tjur ghan-nom tal-Koperattiva. *Di piu'*, u kif diga' inghad, ma ntweriex li l-konvenut kien awtorizzat jaghmel hlasijiet lill-bdiewa f'isem il-Koperattiva u ghalhekk huwa meqjus li l-hlas ta' Lm1000 b'cekk lill-attur (u lil zijuh) sar minn Micallef fl-interess ta' FM Poultry Ltd biss[11]. Dan ikompli jikkonferma li t-transazzjoni tat-tjur in kwistjoni kienet wahda purament kummercjali bejn l-attur u s-socjeta konvenuta.

Hu minnu li l-konvenut xehed li t-tigieg li gew konsenjati mill-attur, *"... kienu tal-koperattiva. Jien kulma ghamilt qtilthom u haduhom tal-Koperattiva. Jien qatt ma hadt tigieg."* Pero' ma pprezentax provi dokumentarja li tikkorrabora tali verzjoni, cjoe' li t-tigieg li l-attur ikkonsenja lis-socjeta konvenuta, gew sussegwentement ikkonsenjati lill-Koperattiva.

Fir-rigward tal-pagament ta' Lm1,000 u ohrajn li saru b'cekk mahrug f'ismu, il-konvenut xehed:

*"Ehe, **dawk ic-cekkijiet kienu pagament lili minghand is-Sajku ghax kien jixtri minghand il-Koperattiva**. Il-Koperattiva dakinhar kienu waslu fl-ahhar, ma kinux jigu 'l hemm u jien flok dawk il-flus ma zammejthom ghalija u hadthom jien biex nithallas jien, il-bahnan li jien mort tajthom lil Attard. Dak wiehed mill-izbalji li ghamilt f'ghomri. Flok zammejthom jien mort tajthom lilhom."* (fol. 117).

Verzjoni li mhi korraborata minn ebda prova ohra, u l-qorti tosserva:

i. Ic-cekk in kwistjoni ta' Lm1000 datat 14 ta' Frar 2004 huwa ndirizzat minn tas-*Sajku Poultry Products Ltd* lill-konvenut Frankie Micallef personalment.

ii. Emanuel Vella, li ffirma c-cekkijiet ghan-nom ta' din is-socjeta' *Sajku Poultry Products Ltd*, meta xehed qatt ma semma' li l-hlasijiet saru fir-rigward ta' xiri ta' tjur minghand il-Koperattiva. Jekk il-verzjoni tal-konvenut hi minnha, x'kienet ir-raguni li Sajku Poultry Products Ltd hallset lill-konvenut u mhux direttament lill-Koperattiva? Twegiba m'hemmx. Kulma qal Emanuel Vella kien li c-cekkijiet a fol 31 harighom lil Frankie Micallef bhala pagament ghal xi dundjani[12]. Logikament li kieku Vella ried ihallas lill-Koperattiva kien jew johrog cekk direttament lill-Koperattiva jew almenu

[10] Dok JA1 sa Dok JA 5, fol. 16 sa 20.

[11] Fol 31.

[12] Seduta tal-20 ta' Frar 2007 fil-proceduri Cit Nru 128/04 esibiti a fol 33.

jindika li l-hlas qieghed isir lil Micallef ghan-nom tal-Koperattiva. Dan jinghad ukoll fl-isfond tal-fatt li ma ntweriex mill-provi li Micallef kien qatt awtorizzat mill-Koperattiva biex jircievi hlasijiet ghan-nom taghha.

iii. Meta l-konvenut stess xehed li kien kreditur ta' eluf kbar ta' liri fil-konfront tal-Koperattiva, mhuwiex verosimili li fi Frar 2004 jaghti lill-attur tlett cekkijiet b'valur totali ta' Lm4,675 minflok li jzomm il-flus ghalih biex jaqta' ftit mill-eluf kbar ta' liri dejn li qal li l-Koperattiva kellha. Cekkijiet li nghataw lill-attur fi zmien meta l-Koperattiva kienet sfaxxat u ghalhekk il-konvenut zgur li ma kellux tama li jithallas.

iv. Fil-perjodu meta saret il-konsenja ta' tjur in kwistjoni, Dicembru 2003[13], il-Koperattiva bil-kemm kienet ghadha qed tiffunzjona, tant li l-President taghha kien irrizenja xahar wara, f'Jannar 2004[14]. Il-konvenut ikkonferma li *"l-Koperattiva dakinhar kienu waslu fl-ahhar, ma kinux jigu 'l hemm…"*[15] u ghalhekk huwa legittimu d-dubju dwar kemm kien ghadu f'qaghda li jigi attwat kwalunkwe ftehim li l-istess Micallef seta' kellu mal-Koperattiva.

Cirkostanzi li fil-fehma tal-qorti kellhom iwasslu lill-ewwel qorti biex tikkonkludi li tezisti relazzjoni guridika bejn l-attur u s-socjeta konvenuta, li lilha gew konsenjati t-tjur li taghhom l-attur qieghed jitlob il-hlas. Hu minnu li l-ewwel qorti qalet:

*"Jidher li l-attur qed jippretendi li hawnhekk kienet saret xi tip ta' novazzjoni, bil-konvenut jassumi l-hlas tad-dejn originarjament dovut mill-koperattiva."*

Pero' mill-provi hu evidenti li l-verzjoni tal-attur kienet li n-negozju tal-bejgh tat-tigieg sar direttament mal-konvenuti u mhux li kien hemm novazzjoni *ex parte debitoris* billi assumew dejn tal-imsejha fil-kawza.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonjiet, l-aggravju tal-attur appellant huwa gustifikat **biss** fir-rigward tal-kumpannija konvenuta. Fir-rigward tal-konvenut, il-qorti m'hijiex sodisfatta li kien innegozja f'ismu personali. Dan jirrizulta mill-fatt li meta l-attur ikkonsenja t-tjur, kien evidenti li l-konvenut ircevihom ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. Konkluzzjoni li l-qorti tasal ghaliha mid-dokumenti stess li l-attur ipprezenta fejn fuq nett hemm l-isem **FM Poultry Ltd** (fol. 16-20). Hu veru li l-konvenut personalment ghamel pagament lill-attur permezz ta' cekkijiet li s-socjeta' tas-Sajku Poultry Products Ltd harget f'isem il-konvenut (fol. 31), pero hu maghruf li terz jista' jhallas id-dejn ta' haddiehor. Hlas li jsir minn terz ma jfissirx novazzjoni, li biex issehh hemm bzonn li l-kreditur jehles lid-debitur originali. Tant dan ma sehhx li l-appellanti harrek lil FM Poultry Ltd.

## Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

1. **Tilqa' l-appell limitatment billi tirriforma s-sentenza tas-16 ta' Frar 2016 billi**

[13] Ara dokumenti a fol 16 sa 20.

[14] Xhieda ta' Saviour Grima, a fol 72.

[15] Xhieda tieghu a fol 117.

**thassar dik il-parti li lliberat lis-socjeta' konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju u tichad l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li m'ghandhiex relazzjoni guridika mal-attur u tikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' sebat elef disa' mija u hamsa u erbghin ewro (€7,945), bl-imghax legali mid-data tal-konsenja tat-tigieg.**

2. **Tichad l-appell fir-rigward tal-konvenut Frank Micallef personalment.**

3. **Ghall-kumplament is-sentenza tal-ewwel qorti tibqa' kif inhi in kwantu r-rapprezentant tal-Koperattiva m'appellax mis-sentenza u l-appellant appella biss minn dik il-parti tas-sentenza li lliberat mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut u s-socjeta konvenuta.**

**Is-socjeta' konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji tal-attur u taghha fir-rigward tal-ewwel istanza u tal-appell, b'dan li l-ispejjez ta' Frank Micallef f'kull stadju huma a karigu tal-attur. Spejjez tal-appell ta' Dr Jean Paul Grech nomine huma a karigu wkoll tas-socjeta' konvenuta in kwantu l-qorti ordnat li tissejjah fil-kawza minhabba l-eccezzjonijiet li tat[16].**

Anthony Ellul
Imhallef

[16] It-tielet eccezzjoni taqra: *"Illi jekk hemm xi flus dovuti dawn huma dovuti mill-Koperattiva tat-Tjur (Malta)."* (fol. 9). Ara wkoll digriet li nghata fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2005 (fol. 10).